# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju, 2016**

**Talba Nru: 177/2015/VG**

**Jean Claude Micallef ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Impel Communications Limited (C-36517)**

**vs**

**Marielle Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-16 ta' Marzu, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' disa' mija tlieta u tmenin euro u disgha u tletin centezmi ta' euro [€983.39c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghanda thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disgha mija u tlieta u tmenin Euro u hamsa u tletin centezmi (€983.35) oltre imghax kummercjali dovut bhala prezz ta' servizzi rezi lilek mill-mittenti.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa ma hallasx.

Bl-ispejjez bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

**Ra r-risposta ta' l-intimata minnha pprezentata fl-10 ta' April, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

1) Illi l-azzjoni tas-socjeta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

2) Illi ebda ammont kif mitlub m'hu dovut mill-konvenuta stante illi t-talba tas-socjeta attrici fil-konfront tal-konvenuta hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt;

3) Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Ra l-verbal tal-15 ta' April, 2015 fejn Dr Yanika Camilleri ghall-intimata ddikjarat li b'referenza ghat-tieni eccezzjoni taghha, l-intimata qeghda tecepixxi l-pagament.

Ra l-verbal tad-9 ta' Dicembru, 2015 fejn it-Talba giet differita ghas-21 ta' Jannar, 2016 ghas-sentenza;

Ra l-verbal tal-21 ta' Jannar, 2016 fejn it-Tribunal irrevoka contrario imperio d-digriet tieghu tad-9 ta' Dicembru, 2015 u li permezz tieghu t-Talba giet differita ghas-sentenza u konsegwentement issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza u ddiferixxa t-Talba ghal provi ta' l-intimata.

Ra l-verbal tal-24 ta' Mejju, 2016 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Semgha x-xhieda u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' disa' mija tlieta u tmenin euro u disgha u tletin centezmi ta' euro [€983.39c] rappresentanti servizzi rezi minnha lill-intimata. Da parti taghha, l-intimata laqghet ghal din it-talba tas-socjeta rikorrenti billi qalet li l-azzjoni odjerna hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u li l-ebda ammont m'hu dovut mill-konvenuta. Fis-seduta tal-15 ta' April, 2015 Dr Yanika Camilleri ghall-intimata ddikjarat li b'referenza ghat-tieni eccezzjoni taghha, l-intimata qeghda tecepixxi l-pagament.

Ikkunsidra;

2. Ra l-affidavit ta' l-intimata <u>fil-kwalita taghha ta' rapprezentanta tal-kumpanija THL Company Limited</u> (sottolinejar tat-Tribunal) mressaq fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2016. Hija qalet li hi sid il-hanut *Prive Hairdressing* li jifforma parti mill-kumpanija THL Company Limited u li ilha topera dan il-hanut sa mis-sena 2008. Qalet li f'Jannar, 2015 hija kienet irceviet ittra ufficjali minghand certu Jean-Claude Micallef fejn talabha l-hlas tas-somma ta' €983.94c (l-ammont pretiz f'dawn il-proceduri odjerni huwa ta' €983.39c) talli huwa hallieha tidher fuq il-programm televiz Elle fuq l-istazzjon NET TV. Qalet li precedentement ghal din l-ittra ufficjali hija kienet irceviet minghand ir-rikorrenti xi *emails* li fihom talabha l-hlas ta' xi ammonti li kienu dovuti lilu, liema ammonti, tkompli tghid l-intimata hija "*hallastu in cash fil-hanut tieghi tas-Sliema*" (fol. 46). Stqarret li "*l-izball li jiena ghamilt, huwa li qatt ma tlabtu ricevuta*" (fol. 46). Sahqet li lanbqas

huwa ma ta l-ircevuti relattivi minkejja li dan kien obbligu tieghu li jaghmel hekk. Qalet li ghalhekk hi kienet hallsitu ghas-saldu u li "*l-ftehim kien li kollox kien imhallas*" (fol. 46). Kompliet tghid li l-ammonti kollha li huwa talabha fl-imsemmija *emails* esebiti f'dawn il-proceduri hija hallsithom. Qalet li fil-fatturi li kien jibghatilha r-rikorrenti ghall-flejjes dovuti lilu huwa kien jaghmel referenza ghall-progett jismu "distinti" u fil-fatt fuq il-fatturi l-isem "Distinti" hemm miktub u mhux "Elle". Ziedet tghid li hi qatt ma kellha x'taqsam ma "Distinti" u ghalhekk "*m'ghandi naghti l-ebda flus lill-distinti, u wisq inqas ghandi naghti ghas-servizzi rezi lili fuq Elle, stante li dan thallas in cash, kif diga ghedt*" (fol. 46). L-intimata qalet ukoll li hija ghamlet sitt (6) snin shah tiehu hsieb id-dehra ta' xaghar ir-rikorrenti qabel ma dan imur fuq it-televizjoni u ghal dan ix-xoghol hija qatt ma talbitu xejn.

L-inkwiet inqala bejniethom, kompliet tghid l-intimata, meta r-rikorrenti reggha mar talabha ghal *sponsorhip* iehor u hi kienet irrifjutat li taghmel dan peress li kellha offerta ta' xoghol ahjar minghand haddiehor. Qalet li "*kien hawnhekk biss li dan ilmenta li ma hallastux, u ghalhekk naf u nhoss li din il-kawza hija ngusta u maghmula a bazi ta' pika*" (fol. 46).

L-intimata ghalqet l-affidavit taghha billi qalet li kull meta hija talbitu fl-*emails* sabiex jghidilha l-bilanc ta' kemm kien ghad fadlilha thallas, hija kienet qeghda tirreferi ghal flus li kellha taghti qabel u li kienet hallset fi flus kontanti fil-hanut kif fuq spjegat.

3. Da parti taghha, s-socjeta rikorrenti, tramite r-rapprezentant taghha Jean Claude Micallef ipprezenta l-affidavit tieghu fejn stqarr li s-socjeta rikorrenti kienet waslet fi ftehim mal-intimata sabiex il-hanut taghha Prive Hairdressing jigi reklamat fuq il-programm televiziv ELLEtv. Qal li l-ammont totali ghal din il-kampanja ta' reklamar kien ta' €5,000 eskluz il-VAT. Din il-kampanja bdiet f'Settembru, 2013 u spiccat f'Marzu, 2014 u kellha tixxandar fuq NET TV kull nhar ta' Sibt bejn il-5:30p.m. sa' l-ahbarijiet tas-6:00p.m. Il-pagamenti kellhom jithallsu wiehed fix-xahar izda dan il-ftehim mhux dejjem gie onorat. Fi tmiem l-iskeda, kompla jghid ix-

xhud, l-intimata kellha "*bilanc ta' Eur1,964*" (fol. 12). Qal li l-intimata kienet iggib hafna skuzi sabiex thallas dan il-bilanc. Fit-12 ta' Lulju, 2014 l-intimata hallset is-somma ta' €990 fi flus kontanti lix-xhud u weghditu li sa zmien gimgha kienet sejra thallas il-bilanc. L-intimata baqghet ma hallsitx dan l-ammont minkejja li s-socjeta rikorrenti kienet intavolat ittra a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Jibda biex jinghad li l-intimata qeghda tigi mharrka f'dawn il-proceduri fil-kapacita personali taghha. Is-socjeta THL Company Limited ma hijiex intimata f'dawn il-proceduri. Mill-*emails* esebiti, s-socjeta li ghaliha taghmel referenza l-intimata fl-affidavit taghha ma hija msemmija imkien. Kif lanqas ma hemm dan il-fatt imsemmi fir-risposta taghha. Ghalhekk, t-Tribunal mhux ser jidhol f'din il-kwistjoni. L-intimata

5. L-intimata qalet ukoll li fil-fatturi li kien jibghatilha r-rikorrenti ghall-flejjes dovuti lilu huwa kien jaghmel referenza ghall-progett jismu "Distinti" u fil-fatt fuq il-fatturi l-isem "Distinti" hemm miktub u mhux "Elle". Ziedet tghid li hi qatt ma kellha x'taqsam ma "Distinti" u ghalhekk "*m'ghandi naghti l-ebda flus lill-distinti, u wisq inqas ghandi naghti ghas-servizzi rezi lili fuq Elle, stante li dan thallas in cash, kif diga ghedt*" (fol. 46). It-Tribunal ra l-*emails* esebiti u huwa minnu li hemm l-isem "Distinti" mitkub fir-referenza pero skont ma jirrizulta mill-imsemmija *emails* l-intimata qatt ma ghamlet jew sabet xi oggezzjoni ghal dan.

6. Illi t-Tribunal, ra x-xhieda u ezamina d-dokumentazzjoni esebita, inkluz l-*emails*. Mill-*email* datata 4 ta' Awwissu, 2014 irrizulta li l-bilanc dovut mill-intimata lis-socjeta rikorrenti kien ta' €976 (fol. 30). Jean Claude Micallef fl-affidavit tieghu (fol. 12) qal li fi tmiem l-iskeda l-bilanc kien ta' €1,964. Fit-12 ta' Lulju, 2014 l-intimata hallset l-ammont ta' €990 fi flus kontanti. Jekk tnaqqas dan l-ahhar ammont mill-bilanc ta' €1,964 jigi l-ammont indikat fl-email hawn imsemmija ta' €974.

7. L-intimata ecceppiet il-pagament u qalet li hija kienet hallset lir-rikorrenti l-ammont bilancjali fi flus kontanti gewwa l-hanut taghha f'tas-Sliema. Qalet li l-izball taghha kien li hija ma talbitx ricevuta ghal dawn il-hlasijiet lis-socjeta rikorrenti li da parti taghha, minkejja li kienet obbligata li tohrog ir-ricevuta fiskali, hija baqghet qatt ma ghamlet dan. F'materja ta' pagament, l-piz tal-prova jinkombi fuq min jallegah, f'dan il-kaz l-intimata. Mill-*emails* pprezentati f'dawn l-atti jirrizulta, kif diga inghad, li kien sar pagament fi flus kontanti, pero jirrizulta ukoll li kien ghad hemm pagament pendenti u li minkejja kienet qeghda issir talbha lilha sabiex isir il-hlas ta' l-ammont bilancjali, ma giet esebita l-ebda *email* fejn l-intimata b'xi mod cahdet li hija kellha taghti tali ammont bilancjali. Ghalhekk, f'dan ir-rigward, it-tribunal ma jistax jasal ghal konviciment morali mehtieg biex jghid li ma kienx hemm aktar flejjes dovuti mill-intimata u konsegwentement ma jistax jilqa din l-eccezzjoni taghha. In vista ta' dak li inghad hawn aktar il-fuq, it-Tribunal sejjer jichad ukoll il-kumplament ta' l-ecezzjonijiet taghha.

8. Mill-provi, kif diga inghad, jirrizulta li l-intimata ghandha taghti lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' €974 u mhux l-ammont reklamat ta' €983.39c.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimata, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti limitatament ghas-somma ta' disa' mija erbgha u sebghin euro [€974] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mil-lum sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali maghmula a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**